**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 290/16 AL

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Lulju 1983 gewwa il-Knisja ta' Santa Liberata, Kalkara. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, FB illi twieled nhar is-17 ta' Ottubru 1984 illi ghalhekk illum huwa maggjorenni u jinstab f'impjieg fiss;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar tas-sena 1991 u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor

Victor John Bisazza. Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom oltre hamsa u ghoxrin sena mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut stante illi iben il-partijiet huwa maggjorenni u ir-rikorrenti irrinunzjat ghal kwalsiasi manteniment dovut lilha ai termini tal-kuntartt ta' separazzjoni b'effett mill-20 ta' Novembru 1997;

Illi r-rikorrenti tikkonferma illi l-intimat dejjjem ottempera ruhu ma' l-obbligi tal-Kuntratt.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost, li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla iwiegeb fuq domanda tal-Qorti li ma kellu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar 1991;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.